2026/2256

8.10.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/2256

tal-24 ta' Settembru 2026

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward l-emenda tal-Protokoll 10 tal-Ftehim ŻEE, dwar is-simplifikazzjoni tal-ispezzjonijiet u tal-formalitajiet fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija, u l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Kontribuzzjoni finanzjarja tas-CBAM)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([2]) (il-"Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

(2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jadotta emendi, fost l-oħrajn, tal-Protokoll 10 tal-Ftehim ŻEE, dwar is-simplifikazzjoni tal-ispezzjonijiet u tal-formalitajiet fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija, u l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet.

(3) L-Istati taż-ŻEE-EFTA għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament għat-tħaddim tas-sistemi meħtieġa għall-operat tal-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (is-CBAM) fiż-ŻEE kollha permezz ta' mekkaniżmu stabbilit b'mod parallel permezz ta' deċiżjoni separata tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li temenda l-Protokoll 10 u l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li l-Protokoll 10 u l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jiġu emendati kif xieraq.

(5) Għalhekk huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi addottata fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward l-emenda tal-Protokoll 10 u l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward l-emenda proposta tal-Protokoll 10 tal-Ftehim ŻEE dwar is-simplifikazzjoni tal-ispezzjonijiet u tal-formalitajiet fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija, u l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1994/2894/oj.
([2]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/1994/1/oj.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Settembru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

P. BURKE

ABBOZZ

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru …/…

ta' …

li temenda l-Protokoll 10 tal-Ftehim ŻEE, dwar is-simplifikazzjoni tal-ispezzjonijiet u tal-formalitajiet fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija, u l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-inkorporazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) fil-Ftehim ŻEE teħtieġ l-użu ta' sistemi ta' informazzjoni tal-Unjoni li huma parzjalment relatati mal-operat tat-territorju doganali tal-Unjoni. Barra minn hekk, ir-Reġistru tal-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (CBAM) u l-pjattaforma ċentrali komuni ġew żviluppati speċifikament għall-operat tas- CBAM, li miegħu jeħtieġ li jiġu assoċjati l-Istati tal-EFTA. Għalhekk, ir-Reġistru CBAM u l-pjattaforma ċentrali komuni jirrikjedu aġġustamenti speċifiċi għal dak l-għan. L-Istati tal-EFTA ma humiex parti mit-territorju doganali tal-Unjoni u għalhekk ma għandhomx aċċess awtomatiku għas-sistemi ta' informazzjoni doganali speċifiċi li jintużaw ukoll għall-finijiet tas-CBAM. Fir-rigward tal-parteċipazzjoni fis-sistemi speċifiċi ta' informazzjoni doganali rilevanti għat-tħaddim tas-CBAM, kif ukoll l-aġġustamenti speċifiċi tal-EFTA għar-Reġistru CBAM, b'mod speċjali wkoll kwalunkwe aġġustament speċifiku relatat mal-pjattaforma ċentrali komuni, ir-regoli dwar il-parteċipazzjoni finanzjarja huma stabbiliti fil-Protokoll 10 tal-Ftehim ŻEE. Fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA, inkluż l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, fir-Reġistru CBAM u l-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA fil-pjattaforma ċentrali komuni, ir-regoli dwar il-parteċipazzjoni finanzjarja huma stabbiliti fil-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE skont ir-regoli tal-Artikolu 82 tal-Ftehim ŻEE u tal-Protokoll 32 tal-Ftehim ŻEE. Peress li jenħtieġ li l-Istati tal-EFTA jipprovdu kontribut finanzjarju għas-sistemi, jenħtieġ li min-naħa tagħhom igawdu d-dritt ta' aċċess u użu ta' dawk is-sistemi għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/956.

(2) L-ammonti indikattivi tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati tal-EFTA għall-finijiet tal-Protokoll 10 tal-Ftehim ŻEE fiż-żmien tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni huma annessi ma' din id-Deċiżjoni.

(3) Peress li r-Regolament (UE) 2023/956 ma japplikax għal-Liechtenstein, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li l-Protokoll 10 u l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jiġu emendati kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll Nru 10 tal-Ftehim ŻEE huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. Id-dispożizzjonijiet fl-Anness III ta' dan il-Protokoll relatati mal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/956 japplikaw bejn il-Komunità, l-Iżlanda u n-Norveġja.";

([1]) Ir-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 52, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/956/oj).

(2) Jiżdied l-anness li ġej wara l-Anness II:

"Anness III

Arranġamenti tekniċi u finanzjarji għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/956

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) 'Reġistru CBAM' għandha tfisser ir-reġistru ta' dikjaranti awtorizzati CBAM fil-forma ta' bażi ta' data elettronika standardizzata li jkun fiha d-data dwar iċ-ċertifikati CBAM ta' dawk id-dikjaranti awtorizzati CBAM, kif stabbilit skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2023/956;

(b) 'pjattaforma ċentrali komuni' għandha tfisser il-pjattaforma stabbilita għall-bejgħ u x-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM, skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2023/956;

(c) 'CRMS' għandha tfisser is-sistema ta' ġestjoni tar-riskji doganali msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447;

(d) 'CCN2' għandha tfisser in-Network Komuni ta' Komunikazzjoni 2;

(e) 'CRS' għandha tfisser is-Sistema ta' Servizzi ta' Referenza għall-Klijenti;

(f) 'Datalab' għandha tfisser is-sistema użata għall-analiżi tal-ġestjoni tar-riskju u għall-aggregazzjoni u t-trasformazzjoni tad-data rigward id-data tat-tranżazzjonijiet doganali.

Artikolu 2

Proċessi tas-CBAM relatati mal-kontrolli doganali u mal-ġestjoni tar-riskju

1. Għall-iskambju u għall-ħżin ta' informazzjoni relatata mal-komunikazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet doganali tan-Norveġja u l-Iżlanda, għandu jintuża r-Reġistru CBAM. Għall-informazzjoni tas-CBAM relatata mar-riskju doganali, għandha tintuża s-CRMS.

2. Is-CRMS għandha tintuża għall-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u bejn l-awtoritajiet doganali u l-Kummissjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/956, u għall-iskambju ta' informazzjoni tas-CBAM relatata mar-riskju doganali u l-analiżi tar-riskju kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2023/956.

Artikolu 3

Pjattaforma tal-Ġestjoni Uniformi tal-Utenti u tal-Firma Diġitali

1. L-awtentikazzjoni u l-verifika tal-aċċess tal-operaturi ekonomiċi, tal-uffiċjali tal-Iżlanda u tan-Norveġja u tal-uffiċjali tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, għall-finijiet ta' aċċess għar-Reġistru CBAM, għandhom isiru bl-użu tal-pjattaforma tal-Ġestjoni Uniformi tal-Utenti u tal-Firma Diġitali (UUM&DS).

2. Il-pjattaforma UUM&DS għandha tippermetti l-komunikazzjoni bejn is-sistemi ta' ġestjoni tal-identitajiet u l-aċċessi tal-Partijiet Kontraenti msemmija fil-paragrafu 7 għall-fini tal-għoti ta' aċċess awtorizzat sikur għas-sistemi elettroniċi lil operaturi ekonomiċi u l-uffiċjali tal-Partijiet Kontraenti.

3. Il-pjattaforma tal-UUM&DS (Uniform User Management and Digital Signature) għandha tikkonsisti f'dawn il-komponenti komuni li ġejjin:

(a) sistema ta' ġestjoni tal-aċċess;

(b) sistema ta' ġestjoni tal-amministrazzjoni;

4. Il-pjattaforma tal-UUM&DS għandha tintuża sabiex jiġu żgurati l-awtentikazzjoni u l-verifika tal-aċċess ta':

(a) operaturi ekonomiċi għall-fini ta' aċċess għar-Reġistru tas-CBAM;

(b) l-uffiċjali, inklużi l-uffiċjali tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, tal-Partijiet Kontraenti bl-iskop li jkollhom aċċess għall-komponenti komuni tar-Reġistru tas-CBAM u għall-finijiet ta' manutenzjoni u ġestjoni tal-pjattaforma tal-UUM&DS.

5. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jistabbilixxu sistema ta' ġestjoni tal-aċċess ipprovduta mill-Kummissjoni biex tivvalida t-talbiet għal aċċess ippreżentati mill-operaturi ekonomiċi u mill-uffiċjali, inklużi uffiċjali tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, tal-Partijiet Kontraenti, fi ħdan il-pjattaforma tal-UUM&DS permezz ta' interoperazzjoni mas-sistemi ta' ġestjoni tal-identità u tal-aċċess tal-Partijiet Kontraenti msemmija fil-paragrafu 7.

6. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jistabbilixxu s-sistema ta' ġestjoni tal-amministrazzjoni sabiex jiġġestixxu r-regoli dwar l-awtentikazzjoni u tal-awtorizzazzjoni għall-validazzjoni tad-data tal-identifikazzjoni tal-operaturi ekonomiċi għall-fini li jingħataw aċċess għas-sistemi elettroniċi.

7. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jistabbilixxu sistemi ta' ġestjoni tal-identitajiet u tal-aċċess sabiex jiżguraw:

(a) reġistrazzjoni u ħżin siguri tad-data ta' identifikazzjoni tal-operaturi ekonomiċi;

(b) skambju sigur ta' data ta' identifikazzjoni ffirmata u kriptata tal-operaturi ekonomiċi, użata fil-pjattaforma ta' ġestjoni tal-identitajiet u l-aċċessi għall-fini li jingħataw aċċess għall-pjattaforma mill-amministratur tal-pjattaforma.

Artikolu 4

Protezzjoni tas-segretezza professjonali u tad-data personali

1. L-informazzjoni skambjata mill-Partijiet Kontraenti fil-qafas tal-miżuri stabbiliti f'dan il-Kapitolu għandha tibbenefika mill-protezzjoni mogħtija lis-sigriet professjonali u lid-data personali kif imfissra mil-liġijiet rilevanti applikabbli fit-territorju tal-Parti Kontraenti riċevitriċi.

2. B'mod partikolari, dik l-informazzjoni m'għandhiex tiġi ttrasferita ulterjorment lil persuni oħrajn ħlief lill-awtoritajiet kompetenti fil-Parti Kontraenti riċevitriċi, u lanqas ma għandha tintuża minn dawk l-awtoritajiet għal skopijiet oħra minbarra dawk previsti fil-Ftehim ŻEE.

Artikolu 5

Ġestjoni tad-data, sjieda taddata u sigurtà

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li d-data rreġistrata fil-livell nazzjonali tikkorrispondi għad-data rreġistrata fil-komponenti komuni u li tinżamm aġġornata.

Artikolu 6

Arranġamenti ta' Finanzjament dwar ir-responsabbiltajiet, l-impenji u l-aspettattivi fir-rigward tal-implimentazzjoni u tal-operat tal-komponenti u s-servizzi tar-Reġistru tas-CBAM, tas-sistemi ta' komunikazzjoni u tas-sistemi sottostanti meħtieġa għall-operat tas-CBAM

Fir-rigward tal-estensjoni tal-użu tar-Reġistru tas-CBAM għall-Iżlanda u għan-Norveġja, dawn l-Arranġamenti ta' Finanzjament (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'l-Arranġamenti') jiddefinixxu l-elementi ta' kollaborazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti fir-rigward tar-Reġistru tas-CBAM u tas-servizzi tas-CBAM, tas-sistemi ta' komunikazzjoni u tas-sistemi sottostanti meħtieġa għall-operat tas-CBAM.

(a) Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa, tittestja, tinstalla, timmaniġġja u topera l-aġġustamenti speċifiċi għall-komponenti tar-Reġistru tas-CBAM, inkluż l-applikazzjonijiet u s-servizzi, is-sistemi ta' komunikazzjoni u s-sistemi doganali sottostanti, bħall-UUM&DS, is-CCN2, is-CRMS, is-CRS u l-analitika (Datalab), li huma neċessarji għall-Istati tal-EFTA għall-operat tas-CBAM, inkluż kwalunkwe aġġustament speċifiku relatat mal-pjattaforma ċentrali komuni.

(b) L-Iżlanda u n-Norveġja għandhom jiżviluppaw, jittestjaw, jinstallaw, jimmaniġġjaw u joperaw il-komponenti nazzjonali kollha li jitqiesu meħtieġa għall-interkonnessjoni mar-Reġistru tas-CBAM u għall-operat tal-proċessi ċentrali komuni tas-CBAM, bħal:

(1) il-forniment ta' data doganali kompatibbli mal-istruttura tad-data rilevanti meħtieġa għall-komunikazzjonijiet mar-Reġistru CBAM;

(2) il-forniment tal-identifikatur korporattiv rilevanti u tad-data relatata kollha, kompatibbli mal-istruttura tad-data rilevanti meħtieġa għall-komunikazzjonijiet mar-Reġistru CBAM, u aġġornamenti regolari ta' dik id-data.

(c) L-Iżlanda u n-Norveġja jaqblu li jkopru l-kostijiet ta' darba maħluqin minħabba aġġustamenti speċifiċi fil-punt (a) li huma meħtieġa għall-operat tas-CBAM mill-Istati tal-EFTA, inkluż kwalunkwe aġġustament speċifiku relatat mal-pjattaforma ċentrali komuni, kif jirriżulta mill-ammonti indikattivi annessi mad-Deċiżjoni tal-Kumitat Kunġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' xx.xx.2026 (din id-Deċiżjoni). L-Iżlanda u n-Norveġja sgħandhom jaqsmu l-ammont bejniethom billi japplikaw il-fattur standard ta' proporzjonalità, ħlief għall-kostijiet tal-konsenja għas-sistema CCN2, li għandhom jitħallsu biss mill-Iżlanda.

(d) L-Iżlanda u n-Norveġja jaqblu li jkopru sehem ta' 0,625 %, mill-2027, tal-kostijiet operazzjonali tas-sistemi ta' komunikazzjoni u doganali msemmija fil-punt (a), b'indiċjar annwali ta' 2 %. Għall-UUM&DS u s-CRS, il-kostijiet operazzjonali għandhom jiġu koperti mill-2026 'il quddiem. L-Iżlanda u n-Norveġja għandhom jaqsmu l-ammont bejniethom billi japplikaw il-fattur standard ta' proporzjonalità, ħlief għall-kostijiet operazzjonali tas-sistema CCN2, li għandhom jitħallsu biss mill-Iżlanda. L-ammonti indikattivi huma annessi mad-Deċiżjoni tal-Kumitat Kunġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' xx.xx.2026 (din id-Deċiżjoni).

(e) Il-Kummissjoni għandha tikkalkula l-kostijiet f'konformità mal-kuntratti tagħha mal-kuntratturi stabbiliti skont il-proċeduri kurrenti għall-għoti ta' kuntratti.

(f) Il-kostijiet imsemmija fil-punt (d) jistgħu jkunu soġġetti għal rieżami fl-2028, fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, mingħajr preġudizzju għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-Unjoni Ewropea.

(g) Il-kostijiet tal-iżvilupp u dawk operazzjonali tal-komponenti nazzjonali għandhom jitħallsu kompletament mill-Iżlanda u min-Norveġja.

(h) Mit-30 ta' Ġunju 2026, jew wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Kunġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' xx. xx.2026 (din id-Deċiżjoni), skont liema jiġi l-aħħar, il-Kummissjoni għandha titlob lill-Iżlanda u lin-Norveġja jħallsu kull sena sat-30 ta' Ġunju l-kostijiet ta' darba mġarrba għall-iżvilupp tal-aġġustamenti, inkluż l-applikazzjonijiet u s-servizzi, għall-komponenti tar-Reġistru CBAM li huma meħtieġa għall-Istati tal-EFTA, u għas-sistemi ta' komunikazzjoni u għas-sistemi doganali sottostanti, imsemmija fil-punt (a), li huma meħtieġa għall-operat tas-CBAM mill-Istati tal-EFTA, abbażi ta' nota ta' debitu debitament dokumentata maħruġa mill-Kummissjoni.

(i) L-Iżlanda u n-Norveġja jaqblu li jipparteċipaw fil-kostijiet operazzjonali tal-applikazzjonijiet u tas-servizzi u tas-sistemi doganali sottostanti li huma interkonnessi mal-operat tar-Reġistru CBAM, imsemmija fil-punt (a). Għall-fini tal-issodisfar tal-punt (d), japplika dan li ġej:

(1) Mit-30 ta' Ġunju 2026, jew wara d-dħul fis-seħħ Nru …/… ta' xx.xx.2026 tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Kunġunt taż-ŻEE (din id-Deċiżjoni), skont liema tiġi l-aħħar, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Iżlanda u lin-Norveġja kull sena sat-30 ta' Ġunju bil-kostijiet operazzjonali stmati għal dik is-sena u bil-kostijiet operazzjonali stmati għas-sena ta' wara bil-miktub.

(2) Sat-30 ta' Ġunju 2027 biss, il-Kummissjoni għandha titlob lill-Iżlanda u lin-Norveġja jħallsu t-tnejn li huma l-kontribuzzjoni annwali tagħhom għall-kostijiet operazzjonali tas-sena 2026, kif ukoll il-kontribuzzjoni annwali stmata għall-2027. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, mit-30 ta' Ġunju 2028, il-Kummissjoni għandha titlob lill-Iżlanda u lin-Norveġja jħallsu t-tnejn li huma l-kontribuzzjoni annwali tagħhom għal dik is-sena flimkien mal-ammont tal-bilanċ (negattiv jew pożittiv) tas-sena preċedenti fuq il-bażi ta' nota ta' debitu ddokumentata kif xieraq maħruġa mill-Kummissjoni.

(3) Sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, mill-31 ta' Jannar 2028, il-Kummissjoni għandha:

— tikklerja l-kontijiet relatati mal-kostijiet annwali tal-imgħoddi fuq il-bażi tas-somma li diġà tħallset mill-Iżlanda u min-Norveġja meta mqabbel mal-kostijiet reali mġarrba mill-Kummissjoni, u tipprovdi lill-Iżlanda u lin-Norveġja b'dikjarazzjoni tal-kont li jkun fiha diżaggregazzjoni tal-kostijiet li tidentifika s-servizzi differenti u l-provvista tas-software; u

— tipprovdi lill-Iżlanda u lin-Norveġja l-kostijiet annwali attwali, jiġifieri l-kostijiet operazzjonali reali, għas-sena preċedenti. Il-Kummissjoni għandha tikkalkula l-kostijiet reali u stmati f'konformità mal-kuntratti tagħha mal-kuntratturi stabbiliti skont il-proċeduri kurrenti għall-għoti ta' kuntratti. Il-bilanċ (negattiv jew pożittiv) bejn il-kostijiet reali u l-ammont stmat tas-sena preċedenti għandu jiġi kkalkolat u kkomunikat lill-Iżlanda u lin-Norveġja permezz ta' rendikont mill-Kummissjoni. Ir-rendikont għandu jinkludi l-ammont annwali stmat għall-kontribuzzjoni, flimkien mal-ammont tal-bilanċ (negattiv jew pożittiv), li jirriżulta f'ammont nett li l-Kummissjoni għandha tiffattura lill-Iżlanda u lin-Norveġja permezz tan-nota ta' debitu annwali.

(j) Il-pagament magħmul mill-Iżlanda u min-Norveġja għandu jsir wara d-data tal-ħruġ tan-nota ta' debitu. Il-pagamenti kollha għandhom jsiru fil-kont bankarju tal-Kummissjoni indikat fin-nota ta' debitu fi żmien 60 jum. Fl-Unjoni, l-utilizzazzjoni tal-approprjazzjonijiet li jsiru permezz tas-sehem tal-Istati tal-EFTA għandha tkun f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju.

(k) Jekk l-Iżlanda u n-Norveġja jħallsu l-ammonti previsti fil-punti (c) u (d) aktar tard mid-dati speċifikati fil-punt (j), il-Kummissjoni tista' titlob l-imgħax fuq l-arretrati (bir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet tiegħu f'euro, ippubblikata fis-serje 'C' t'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fil-jum li fih tgħaddi l-iskadenza għar-ripagament, flimkien ma' punt u nofs).

(l) Jekk l-Iżlanda u n-Norveġja jitolbu aġġustamenti speċifiċi jew prodotti ġodda tal-IT għall-komponenti, l-applikazzjonijiet jew is-servizzi tar-Reġistru CBAM, il-bidu u t-tlestija ta' dawk l-iżviluppi għandhom ikunu soġġetti għal ftehim reċiproku separat dwar il-ħtiġijiet ta' riżorsi u l-kostijiet tal-iżvilupp.

(m) Il-Partijiet Kontraenti jaqblu li jirrikonoxxu u jissodisfaw ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom fir-rigward tal-użu tas-sistemi tal-IT kif deskritt f'dan l-Anness.

Artikolu 7

Monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan l-Anness

Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jiddetermina kif il-Partijiet Kontraenti jkollhom jimmonitorjaw l-implimentazzjoni ta' dan l-Anness u jivverifikaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet tiegħu."

Artikolu 2

Il-paragrafu li ġej jiddaħħal wara l-paragrafu 17 (ir-Regolament (UE) 2025/2643 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Artikolu 7 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE:

"18. L-Istati tal-EFTA għandhom, mill-1 ta' Jannar 2025, jipparteċipaw fl-azzjonijiet tal-Unjoni relatati mal-linja baġitarja segwenti, li ddaħħlet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-snin finanzjarji 2025, 2026 u 2027.

— **Linja baġitarja 9.20.04.01**: 'Mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri'.

Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal-Liechtenstein.".

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2025.

(*) [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi …, ….

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Is-Segretarji

Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

ANNESS

Ammonti indikattivi li għandhom jitħallsu mill-Istati tal-EFTA skont il-Protokoll 10 tal-Ftehim ŻEE

L-ammonti ta' wara l-2027 ma jippreġudikawx l-eżitu tan-negozjati li għaddejjin dwar il-proposta tal-QFP li jmiss

			Kontribuzzjonijiet ikkombinati tal-EFTA (EUR)
Reġistru tas-CBAM	2025	Kost tal-karatteristiċi speċifiċi tal-EFTA	500 000,00
	2026	Kost tal-karatteristiċi speċifiċi tal-EFTA	700 000,00
	2027	Kost tal-karatteristiċi speċifiċi tal-EFTA	250 000,00
	2028	Kost tal-karatteristiċi speċifiċi tal-EFTA	*għad trid tiġi deċiża*
Pjattaforma Ċentrali Komuni	2026 - 2030	Kost tal-karatteristiċi speċifiċi tal-EFTA	*Għadu mhux identifikat f'dan l-istadju*
Ġestjoni tar-Riskju tas-CBAM - Datalab	2026	Kost tal-konsenja	50 000,00
	2027	Kostijiet tal-operat	40 000,00
	2028	Kostijiet tal-operat	40 000,00
	2029	Kostijiet tal-operat	40 000,00
	2030	Kostijiet tal-operat	40 000,00
	etc		
Kostijiet tal-UUM&DS	2026	Kost tal-konsenja	135 000,00
		Kostijiet tal-operat	20 000,00
	2027	Kostijiet tal-operat	20 000,00
	2028	Kostijiet tal-operat	20 000,00
	2029	Kostijiet tal-operat	20 000,00
	2030	Kostijiet tal-operat	20 000,00
	etc		

			Kontribuzzjonijiet ikkombinati tal-EFTA (EUR)
Kostijiet tas-CRS	2026	Kost tal-konsenja	150 000,00
		Kostijiet tal-operat	12 500,00
	2027	Kostijiet tal-operat	12 500,00
	2028	Kostijiet tal-operat	12 500,00
	2029	Kostijiet tal-operat	12 500,00
	2030	Kostijiet tal-operat	12 500,00
	etc		
Kostijiet tas-CCN2	2026	Kost tal-konsenja	100 000,00
	2027	Kostijiet tal-operat	10 000,00
	2028	Kostijiet tal-operat	10 000,00
	2029	Kostijiet tal-operat	10 000,00
	2030	Kostijiet tal-operat	10 000,00
	etc		